



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

16217/22

LIMITE

CORLX 1192  
CFSP/PESC 1743  
COHOM 166  
CSC 601

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/346

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi  
l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali  
tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem  
u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/346**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 u l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Lulju 2012, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem.
- (2) Fit-28 ta' Frar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/346<sup>(1)</sup> li taħtar lis-Sur Eamon GILMORE bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-mandat tar-RSUE għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2023.
- (3) Il-mandat tar-RSUE jenħtieġ li jiġi estiż għal perjodu ulterjuri ta' 12-il xahar u jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2023 sad-29 ta' Frar 2024.
- (4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/346 tat-28 ta' Frar 2019 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ĠU L 62, 1.3.2019, p. 12).

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/346 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, huwa sostitwit b'dan li ġej:

*'Artikolu 1*

*Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea*

Il-mandat ta' Eamon GILMORE bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa estiż sad-29 ta' Frar 2024. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jiġi terminat qabel, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u ta' proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).';

- (2) fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

‘ L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2023 sad-29 ta' Frar 2024 għandu jkun ta' EUR 1 567 461,56.';

(3) fl-Artikolu 12, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

‘Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-RGħ u lill-Kummissjoni rapporti regolari ta' progress u rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat sat-30 ta' Novembru 2023.’.

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---